MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 646/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Joseph Magro**

**Kumpilazzjoni Numru: 646/2011**

**Illum 10 ta' Dicembru 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Joseph Magro,** ta' 55 sena, iben il-mejjet Salvu u l-mejta Josephine nee Mifsud, imwieled Qrendi fit-18 ta' Frar, 1956 u residenti 11 Triq Lourdes, Qrendi u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 176556(M).

Akkuzat talli fis-19 ta' Mejju 2001, f' xi hin wara nofsinhar, fil-fond 11 Triq Lourdes Qrendi;

1. Bi vjolenza kkommetta stupru fuq Omissis ta' nazzjonalita' Taljana;
2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Omissis kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. Bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Omissis

Rat n-nota ta'l-Avukat Generali[1] li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 18, 198, 201(b);
b) 18, 86 u 87(1);
c) 18, 202 u 207;
d) 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C; u
e) 7, 23, 31, 49, 50 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti procoesswali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew nhar id-19 ta' Mejju 2011 meta Omissis, tfajla Taljana ta' tlieta u ghoxirn sena li kienet ghal batal hawn Malta, kienet qed izzur it-tempji ta' Hagar Qim u hemm ghamlet konoxxena ta'l-imputat.

Illi minn dak li rrakkontat Omissis waqt il kienet qed taghti d-depozizzjoni taghha jirrizulta li dak in-nhar marret izzur

[1] Prezentata fid-19 ta' April 2012 a fol 239 tal-process.

it-tempji ta' Hagar Qim. Meta kienet hemm l-imputat qabad konverzazzjoni maghha u wara li ndikalha xi attrazzjonijiet ohra li setghet izzur f'l-inhawi u anke spjegalha xi affarijiet dwarhom, offra li johodha, u fil-fatt marru, il-Blue Grotti u anke Dingli Cliffs. Omissis tghid li l-imputat kien introduca lilu nnifsu maghha bhala persuna li ghandu lukandi u li ta' spiss kien jiehu xi turisti jzuru attrazzjonijiet lokali u ghalhekk iddecidiet li tmur mieghu. Marru hemm u wara li qattghu ftit hin hemm marru ghand xi bar u hadu flixun inbid bejntniehom. Minn hemm l-imputat ssugerixxa li jixtru xi affarijiet ta' l-iekel tipici Maltin u li jmorru d-dar tieghu biex jiekluhom hemm. Omissis tispjega li sa dak il-hin kienet hadet l-impressjoni lil l-imputat kien "*friendly*" u li (fi kliemha) "*I didn't recognise anything wrong of him*"[2] allura fdatu u accettat li tmur id-dar tieghu biex jieklu xi haga hemm. Marru jixtri aktar inbid, xi gbejniet u galletti u marru id-dar ta'l-imputat. Hemm hadu inbid u kielu xi haga. Omissis tirrakkonta li lilha l-imputat taha inbid minn flixkun li diga kien miftuh fil-fridge, fil-waqt li hu ha mill-flixkun il-gdid li kienu ghadhom kemm xtraw; waqt li kienu qed jiehdu l-inbid u jieklu beda juriha ritratti ta' hafna tfaljiet, kollha turisti, fuq il-camera tieghu. L-ahhar haga li tiftakar dwar dak li gara dak il-hin fid-dar ta'l-imputat kien li xorbot l-inbid li offrilha l-imputat, tftakat li harset lejn l-arlogg u dak il-hin kien kwazi t-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Wara dan tiftakar li sabet ruhha f''sodda (fil-kamra ts-sodda ta'l-imputat) u li kienet gherwiena minn qaddha 'l isfel u li kienet storduta u li kellha taghmel sforz biex tibqa mqajjma; dak il-hin kien is-sitta ta' fil-ghaxija. Hi tiftakar li meta sabet ruhha f'dan l-istat inhasdet u bdiet tibza' u qalet lill-imputat biex johodu lura San Giljan fejn kienet qed toqghod. Tiftakar li sabet hwejjiegha fil-kamra tas-sodda fejn kienet, liebset u telqu. Hi insistit li ma kellha l-ebda ghazla hlif li tghid lill-imputat biex johodha lura vicin tal-lukanda ghaliex kellha tisforza kbir biex tibqa mqajjma u bil-kemm setghet timxi. Waqt li kienu sejrin lejn San Giljan l-imputat waqaf jixtri petrol u talab lil Omissis taghtih ghaxar Euro; hi tghid ukoll li l-imputat qallha biex ma tghid lil hadd b'dak li kien gara. Omissis tirrakkonta li l-imputat ma qaltlux f'liema lukanda

[2] Ref depozizzjoni a fol 19.

kienet qed toqghod u li qaltlu biex iwaqqafha ftit ‘l boghod minn din il-lukanda. Malli waslet il-lukanda inhalset u regghet raqdet sa’ l-ghada fil-ghodu. Meta qamet bdiet thoss ugih fil-partijiet privati taghha; hi tkellmet fuq dak li kien garalha ma’ persuna ohra taljana li kienet qed toqghod f’l-istess lukanda u dan issuggerilha li tmur l-isptar; hi hekk ghamlet u wara li rrakkontat lit-tobba x’kien garalha sar rapport lill-pulizija.

Illi ta min jirrileva li Omissis rrakkontat li hi irrabjat minhabba li fdat lill-imputat u ma’ ndunatx hi l-atitudni tieghu fil-konfront taghha kien biss stratagemma biex johodha f’daru u meta hi tkun mitlufa minn sensiha jkollu atti sesswali maghha. Fi kliemha: … “*For the time he seemed to be a friendly person. I didn’t recognise something wrong of him. His way to do and after what it happened I can only think that it was all a strategy and I am very angry because I trusted him and I am angry because I think that …*”[3]

Illi l-verzjoni tal-parte leza ftit li xejn hija kontradetta mill-imputat fis-sens li f’l-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat jikkonferma r-rakkont kollu ta’ Omissis hlif ghal dak li gara fid-dar tieghu. Hu lanqas m’hu qed jinnega li kellu x’jaqsam ma’ Omissis pero jghid li kienu ilhom xi siegha u nofs fuq il-mejda jieklu u jixorbu meta Omissis qamet bil-wieqfa; l-imputat dehrlu li kienet tidher ghajjiena u saqsiha “*tired?*” u skond hu qaltlu li iva. L-imputat ikompli jirrakkonta li f’dak il-hin qabadha minn idha u hadha fil-kamra tas-sodda tieghu u kien hu stess li poggiha fis-sodda; jghid li mar xorob taxxa inbid ohra u wara mar f’l-istess soda fejn kien hemm Omissis u hu ukoll raqad; jghid ukoll li meta Omissis qamet (hu kien ghadu rieqed) kienet hi li daret fuqu u li kienet hi li ridet li jkollhom x’jaqsmu flimkien; jghid ukoll li kull haga li ghamlu sar mhux biss bil-kunsens taghha imma fuq inizjativa taghha stess. Fost dettalji ohra li ta l-imputat dwar x’atti saru jghid addirittura li hu qallha jekk tirdx li juza’ condom pero hi qaltlu le.

---

[3] Ref depozizzjoni a fol 19.

Illi ghandu jigi rilevat li l-imputat jammetti li Omissis kienet tidher mhux f'sikkitha, tant li haseb li kienet hadet xi haga meta dahlet tuza' it-toilet fid-dar tieghu. Skond id-depozizzjoni tieghu johrog ukoll li f'temp ta' ftit sieghat bejnithom hadu tlett flixken inbid in oltre Omissis kienet hadet xorb iehor minghandu; in oltre jirrizulta li l-unika iekel li kienu hadu kien zewg gbejniet u ftit galletti bejnithom.

Ikkunsdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali huma erbgha: stupru, b'l-aggravju predispost f'l-artikolu 201(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sekwestru ta' persuna; attentat vjolenti ghall-pudur; u recidiva.

Ikkunsidrat

Illi x'inhuma l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit f'l-ordinament guridiku taghna. L-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati …*

Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu genitali ta' persuna f'l-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox, huwa bizzejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.

Illi ghalhekk l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali; li jkun maghmul kontra l-volonta tal-vittma, bi vjolenza.

Illi dwar dan l-element ta' vjolenza l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk:

*This is the characteristic element of the crime of rape and serves to distinguish it from other crimes…it is an element*

*which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. …*

*The Law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: all the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempts to determine a priori the intensity, the character and the degree of violence required would have been in vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime. …*[4]

Illi dwar il-prezunznjoni ta' vjolenza f'certi kazijiet il-Professur Mamo ikompli jispjega li

*…our Law, like other Laws, has created certain presumptions with regard to this element of violence. Section (201) lays down that the unlawful carnal knowledge shall be presumed to be accompanied with violence …. When the person abused was unable to offer resistance owing to physical or mental infirmity or for any other cause independent of the act of the offender….*

Illi dan l-aggravju huwa dak predispost f'l-artikolu 210(b) tal-Kapitolu 9 u fil-fatt, ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali, huwa addebietat lill-imputat.

Illi dwar dan l-aggravju b'mod partikolari l-Professur Mamo jkompli hekk:

*With regard to the incapacity arising from the other causes independent of the act of the offender, this includes the case in which the victim was in a state of insensibility from liquor having been made drunk by the prisoner (even though the liquor was given only for*

[4] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 194 et seq

*purposes of exciting her) or the case in which the victim was asleep.*

Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' sturpru Blackstone (Criminal Practice 2009 edition)[5] jghid hekk:

*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it. … Common law principles …. suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is … intoxicated by alcohol or drugs. These principles … still apply ...*

Illi dwar il-kapacita ta' persuna li taghti il-kunsens ghal xi attivita sesswali f'kaz ta' sokor anke meta is-sokor kien volontarju, Blackstone ikompli hekk:

*In a case where there is evidence that the complainant was voluntarily intoxicated through drink or drugs, the following points may need to be addressed ….*

*a) Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, and the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then she has consented no much she may regret it later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make the decision whether to agree by choice.*

*b) However if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drinks or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree.*

---

[5] B316 pagna 278

*c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance she may in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternately she may have been affected to such a degree, that whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all.*

*d) If a person is asleep or has lost conciousness through drinks or drugs, she cannot give consent, and that is so even if her body responds to the accused's advances.*

Illi fil-kaz in ezami u dwar l-ewwel element rikjest biex jissussisti r-reat in ezami m'ghandhu jkun hemm l-ebda dubbju, u lanqas hemm kontestazzjoni, li kongungiment karnali kif definit ai fini ta'l-imsemmi artikolu 198 tal-Kapitolu 9 kien hemm. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta hija hekk Omissis tatx il-kunsens taghha ghal dan il-kongungiment jew le.

Illi f'dan l-istadju ghandu jinghad li fir-rapport tieghu l-espert nominat f'l-inkjesta, it-tabib forensiku Dr Mario Scerri, jirrileva li marki ta' vjolenza fuq Omissis ftit li xejn kien hemm fis-sens li huwa ikkonstata biss xi bdengil f'idejha ix-xellugija u fil-parti ta' fuq ta' saqajha tax-xellug ukoll. Huwa rrefera ukoll ghas-**suspett** ta' tehid ta' liquid ecstasy (gama hydroxy buturytic acid --- GHB) li jinghata bhala stimulant sesswali u fli 'doza gholja jista' jwassal ghal irqad fil-fond (minbarra konsegwenzi ohra)[6].

Illi espert iehor nominat, l-ispizjar Mario Mifsud, specifika kif tista' tittiehed din is-sostanza u li din is-sostanza iddum timmarka xi sitt / tmien sieghat fid-demm u xi ghaxar / tnax il-siegha f'l-urina tal-persuna li tkun hadet din is-sostanza. Dan l-espert spjega ukoll li l-effetti ta'din is-sostanza huma kwazi immedjati u s-sintomi huma li persuna thossha storduta, jinzlulek l-inhibitions, u li tinsa dak li jkun gara

[6] Ref rapport a fol 229.

f’perjodu ta’ zmien. L-ispizjar Mario Mifsud gie inkarigat biex jezamina it-tazzi u l-flixken li gew elevati mid-dar ta’ l-imputat; hu ma sabx tracci ta’ din is-sostanza GHB pero huwa ilmenta, ilment li tikkondividih din il-Qorti, dwar il-mod kif gew prezervati dawn l-oggetti elevati, mod li seta’ effettwa l-korrettezza tat-testijiet xjentifici li saru fuqhom mill-istess espert.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li hemm xi prova xjentifika li Omissis inghatat din is-sostanza maghrufa bhala liquid ecstasy jew li kien hemm xi tracci ta’ din is-sostanza f’l-oggetti elevati mid-dar ta’l-imputat. Pero jirrizulta b’certezza assoluta li Omissis minn xi hin qabel il-hdax ta’ fil-ghodu sas-sitta ta’ wara nofs in-nhar, fil-waqt li ma kielet xejn hlif gbejna u xi galletti, flimkien ma’l-imputat hadu tlett flixken inbid u hadet ukoll xorb iehor (anisette). Jirrizulta ukoll li bhala rizultat Omissis ma kenitx qed thossha f’sikkitha tant li l-imputat innifsu haseb li kienet “hadet xi haga”.

Illi mid-dottrina fuq kwotata jirrizulta ampjament li biex persuna taghti l-kunsens taghha ghal atti sesswali trid tkun f’pozizzjoni li taghti dak il-kunsens. Illi mill-istess dottirna jirrizulta li c-cirkostanzi li fihom persuna ma tkunx tista’ taghtu dan il-kunsens huma diversi; zgur li wahda minn dawn ic-cirkostanzi tavvera ruhha jekk persuna tinghat l-liquid ecstasy; pero cirkostanza ohra fejn persuna ma tkunx tista’ taghtu l-kunsens taghha hija jekk tkun fis-sakkra jew jekk tkun hadet xi haga, tkun xi tkun dik il-haga, li teffettwa il-fakultajiet taghha b’mod li tibqax kapaci taghmel ghazla libera dwar jekk tridx tippartecipa f’xi attivita sesswali.

Illi l-imputat jinsisti li Omissis mhux biss tat il-kunsens taghha imma addirittura kienet hi li qajjmietu biex taghmel atti sesswali mieghu u li kull ma ghamlu kien dak li riedet u xtaqet hi; jghid ukoll li x’hin kienu qed jippartecipaw f’dawn l-atti sesswali hi ma kenitx storduta. Omissis min-naha l-ohra tghid li kull ma tiftakar kien li hadet l-ewwel tazza inbid ghand l-imputat u li mbaghad sabet ruhha fis-sodda tieghu storduta u gherwiena minn qadda ‘l isfel.

Illi kjarament dan mhux biss huwa kunflitt nett dwar wiehed mill-aktar punti krucjali f'kaz ta' stupru; imma l-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ghandha il-kelma ta' persuna wahda kontra l-kelma ta' persuna wahda ohra. F'dan ir-rigward huwa ben stabbilit li l-kunflitt fil-provi mhux necessarjament ghandu jwassal ghal liberatorja imma l-Qorti tista' taghzel li taghti kredibilita lil verzjoni wahda u tiskarta l-ohra, dan naturalment wara li tkun hadet konsiderazzjoni mhux biss il-mod kif xehdu l-persuni koncernati imma anke l-assjem tal-provi kollha inkluz dawk cirkostanzjali. Principju fundamentali iehor hu li anke xhud wiehed biss huwa sufficjenti, jekk emnut, minghajr bzonn ta' xi korroborazzjoni da parti ta' xhieda ohra.

Illi b'dawn l-principji f'mohha, u anke wara li kellha l-opportunita li tara u tisma' lil Omissis taghti d-depozizzjoni taghha (meta tat verzjoni li kienet konsistenti ma' dak li f'okazzjonijiet separati qalet lill-ufficjali tal-pulizija u mbagahd lit-tobba li ezaminawha), u tenut kont ta'l-assjem tal-provi inkluz dawk indizjarji, il-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif irrakkontat Omissis u cioe li hija ntilfet minn sensiha meta kienet ghand l-imputat u li f'dan il-waqt, meta hija ma kenitx f'pozizzjoni li toffri rezistenza jew li taghti l-kunsens taghha ghal dawk l-atti li rid jaghmel, l-imputat approfitta ruhhu u jaghmel dawk l-atti sesswali kollha li huwa xtaq. Dan l-agir huwa stupru kif definit fil-Ligi u konsegwentement l-ewwel imputazzjoni mighjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' sekwestru ta' persuna b'l-ghan li din il-persuna tigi mgieghla taghmel xi haga li tmur kontra l-misthija tas-sess taghha.

Illi l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

*kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li*

*jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid[7]:

*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Illi pero fil-kaz ta' arrest illegali ta' persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet li;

*dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent … jew dik ta' … korruzzjoni ta' minorenni … u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. … Imma ancorche' kellu jirrizulta li ……. f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri…, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma*

[7] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.

*jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*[8]

Illi fil-fatt mis-sottomissjonijiet maghmula mill-ufficjal prosekutur jidher li l-imputazzjoni issa in ezami hija bazati fuq il-fatt li Omissis kienet mizmuma, ghal tlett sieghat, taht l-effett ta' xi sostanza, fid-dar ta' l-imputat b'l-ghan li hija tigi mgieghla taghmel atti sesswali mieghu.

Illi jibda biex jinghad li sa kemm Omissis hadet l-ewwel tazza inbid fid-dar ta'l-imputat dak kollu li ghamlet ghamlitu minn jeddha fis-sens li hija ma gietx sfurzata tmur izzur dawk il-postijiet turistici mieghu, ma gietx imgieghla tmur tiehu inbid fil-bar fejn marru, hekk kif ma gietx imgieghla tmur fid-dar ta' l-imputat. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta hija jekk mill-mument li Omissis dahlet fid-dar tieghu, l-imputat ghamilx xi haga biex hija tkun impeduta milli titlaq x'hin u meta trid.

Illi kieku mill-provi rrizulta 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-inbid li hadet Omissis ghand l-imputat kien mhallat bil-liquid ecstasy allura kien ikun hemm il-prova li Omissis kienet mizmuma kontra l-volonta taghha ghaliex permezz ta' dik is-sostanza hija kienent titlef kontroll fuq l-fakoltajiet taghha b'mod li ma tkunx tista' tiehu decizzjoni liberalment. Din il-prova pero ma ngabitx.

Illi kif ntqal aktar 'l fuq il-Qorti hija konvinta li Omissis intilfet minn sensiha u li waqt li kienet qed mitlufa minn sensiha l-imputat ghamek atti sesswali maghha, pero ma jirrizultax bi precizjoni x'wassal biex intilfet minn sensiha; seta' kien ix-xorb li hadet minn jedda jew seta' kien xi haga ohra. Pero l-fatt fih innifsu li hija ntilfet minn sensiha u li ghal dak il-hin, propju ghaliex kienet mitlufa minn sensiha, ma setghtex hi minn jeddha taqbad u titlaq mid-dar ta'l-imputat ma jfissirx li kien l-agir ta' l-imputat li wassal biex hi tintilef minn sensiha. Il-verita hi li malli regghet bdiet tigi lura f'sensiha u indikat lil hija trid titlaq minn hemm l-imputat mil-ewwel hadha lura lejn il-lukanda

---

[8] Ref Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006.

taghha. Huwa daqstant veru li fil-frattemp hu kien ghamel dak kollu li xtaq jaghmel u ma kien hemm l-ebda raguni ohra ghalfejn izommha hemm. Pero l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li ma ngabitx prova sufficjenti fil-Ligi li kien l-imputat li wassal biex ghal dawk itltlett sieghat Omissis tintilef minn sensieha.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar attentat vjolenti ghall-pudur ta' Omissis.

Illi r-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur hu ipotizzat f'l-artikolu 207 Tal-Kapitolu 9; dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta'…*

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali tghallem li:

*L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*"[9]

Illi l-agir ta'l-imputat li wassal ghal sejbin ta'htija f'l-ewwel imputazzjoni necassarjament ghandu jwassal ghal htija anke ta' din it-tielet imputazzjoni.

[9] Ref Pulizija vs Gerald Cassar Appell Kriminali deciza 18/07/1959.

Illi ghandu jigi rilevat li fin-nota tieghu ta' rinnviju ghal gudizju l-Avukat Generali, b'referenza ghal din it-tielet imputazzjoni kwota ukoll l-artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mala u dan bhala aggravju ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 207. Pero mill-provi ma tirrizulta l-ebda cirkostanza li tista' tinkwadra ruhha f'xi cirkostanza elenkata f'dan l-artikolu 202. Ghalhekk dan l-aggravju ma hiex pruvat.

Ikkunsidrat

Illi fin-nota ta' rinviju ghal-gudizju l-Avukat Generali elenka l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu dwar recidiva. Ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni m'hemmxl-addebieta tar-recidiva fil-konfront ta' l-imputat.

Illi n-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali

*… skond is-subartikolu 3 ta'l-artikolu 370 … tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li ma li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali naturalment jista' jnaqqas reat jew reati anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta'rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat*.[10]

Illi ghalkemm l-addebietu tar-recidiva mhux imputazzjoni fil-vera sens tal-kelma u ghalhekk biz-zieda ta' l-artikoli tal-Ligi relevanti l-Avukat Generali ma ziedx imputazzjoni ohra fil-konfront ta'l-imputat, jibqa l-fatt li b'l-inkluzjoni ta' l-artikoli 49 u 50 fin-nota ta' l-Avukat Generali l-addebieti fil-

[10] Ref Pulizija vs Michael Carter Apell Kriminali deciz 07/12/2001.

konfront ta’ l-imputat saru aktar oneruzi u ghalhekk kontra l-principju affermat fis-sentenza fuq kwotata.

Illi tenut kont ta’ dan il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-addebietu.

Ikkusndrat

Illi dwar l-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li fihom twettqu. L-istupru huwa reat gravu hafna u odjuz minn-natura tieghu huma x’inhuma ic-cirkostanzi li fih jitwettaq, pero fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat huwa ferm aktar odjuz meta jigi kommess f’cirkostanza fejn il-vittma ma jkollha l-ebda opportunita tipprova tirrezisti; dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tikkunsidra piena karcerarja effettiva bhal dik idonea. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali tal-imputat li hija jkkwazi netta, u n-natura tar-reat li tieghu kien instab hati l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-addebeitu tar-recidiva rizultanti minn-nota ta’ rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 198, 201(b) u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-iputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, b’dan li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma jirrizultax l-aggravju kontemplat f’l-artikolu 202, u tikkundannah hames snin (5) prigunerija. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil-imputat biex fi zmien sena jhallas is-somma ta’ tlett elef disgha’ mija tlieta u sebghin elf Euro u tnejn u hamsin centezmu (€3973.52) rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’l-esperti.

Il-Qorti tordna d-divjet ta’ isem il-parte leza fi kwalunkwe mezz ta’komunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------